MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1920/2004

**Protect Services Limited**

**Vs**

**Doris Brincat**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta’ Ottubru, 2004, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tlett mija u ghoxrin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm320.77) rappresentanti ammont dovut lis-socjeta attrici mill-konvenuta ghal poloz ta’ assikurazzjoni tan-negozju mahruga minn Josette Agius ezercenti n-negozju bl-isem Natagco, fuq istruzzjonijiet ta’l-istess konvenuta, liema kreditu Josette Agius kienet assenjat lis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju 2004 u bl-imghax legali mill-25 ta' Gunju 2004, kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u ghoxrin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm320.77), bl-imghaxijiet legali mil-25 ta' Gunju 2004.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali datata 25 ta' Gunju 2004, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------